



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2011/0282(COD)

30.5.2012

EMENDI 10 - 23

Abbozz ta' opinjoni
Birgit Schnieber-Jastram
(PE485.892v01-00)

dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

Proposta għal regolament
(COM(2011)0627 – C7-0340/2011 – 2011/0282(COD))

AM\903344MT.doc

PE489.687v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

AM_Com_LegOpinion

Emenda 10
Franziska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2 a) Ir-riforma għandha tiżgura li, b'konformità mal-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-oġettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, inklużi dawk approvati fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, jitqiesu mill-PAK. Miżuri meħuda skont dan ir-Regolament m'għandhom la jdgħajfu d-dritt tal-persuni u tal-istati sovrani li jiddeterminaw b'mod demokratiku l-politiki tagħhom dwar l-agrikoltura u l-ikel u lanqas ma jipperikolaw il-kapaċità tal-produzzjoni tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel fuq perjodu twil tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari dawk l-anqas żviluppatti, u tali miżuri għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-impenji tal-Unjoni sabiex jittaffa t-tibdil fil-klima. Filwaqt li tippromwovi l-agrikoltura sostenibbli, l-UE għandha tibni fuq il-konklużjonijiet tal-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Għarfien, Xjenzi u Teknoloġiji Agrikoli għall-Iżvilupp (IAASTD), biex b'hekk tagħti aktar importanza għall-multifunzjonalità tal-agrikoltura, filwaqt li tqis il-kumplessità tas-sistemi agrikoli fi ħdan kuntesti soċjali u ekoloġiċi differenti.

Or. en

Emenda 11
Franziska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament
Premessa 35a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(35 a) L-għarfien, xjenzi u teknoloġiji agrikoli għandhom jikkontribwixxu lejn il-multifunzjonalità tal-agrikoltura, jappoġġaw id-diversità tas-sistemi agrikoli u tal-ikel, iżommu l-bijodiversità, jappoġġaw ir-riżorsi naturali, itejbu l-għajxien rurali, inkluż id-diversifikazzjoni dejjem tiżdied ta' azjendi agrikoli fuq skala żgħira u jimminimizzaw l-impatti negattivi tal-attività agrikola fuq il-persuni u l-ambjent;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-biedja agrikola, il-miżuri agroambjentali u b'mod aktar ġenerali, il-prattiki agrikoli sostenibbli ġew promossi preċedement fi ħdan it-tieni pilastru tal-PAK iddedikat għall-iżvilupp rurali. Skont din il-proposta għar-riforma tal-PAK għandu jkun hemm attenzjoni qawwija fuq l-innovazzjoni fi ħdan l-ambitu tat-tieni pilastru. Billi l-għarfien, ix-xjenza u t-teknoloġija agrikoli sa issa bbenefikaw l-aktar lill-bdiewa l-kbar bil-għan li tiżdied il-produttività f'dan is-settur, iżda b'konsegwenzi soċjali u ambjentali mhux intenzjonati, huwa xieraq li jkun speċifikat li l-għarfien, ix-xjenza u t-teknoloġija agrikoli għandhom ikunu diretti primarjament għall-kisba tal-objettivi ta' sostenibilità li sa issa ġew indirizzati l-anqas.

Emenda 12
Franziska Keller, Catherine Grèze
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament
Premessa 38**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(38) L-approċċ LEADER għall-iżvilupp lokali, fuq medda ta' snin, ta prova tal-utilità tiegħu fil-promozzjoni tal-iżvilupp ta' żoni rurali billi jikkunsidra b'mod sħiħ il-ħtiġijiet multisettorjali għal żvilupp rurali endoġeniku permezz tal-approċċ

(38) L-approċċ LEADER għall-iżvilupp lokali, fuq medda ta' snin, ta prova tal-utilità tiegħu fil-promozzjoni tal-iżvilupp ta' żoni rurali billi jikkunsidra b'mod sħiħ il-ħtiġijiet multisettorjali għal żvilupp rurali endoġeniku permezz tal-approċċ

minn isfel għal fuq tiegħu. Il-LEADER għandu għaldaqstant jtkompla fil-futur u l-applikazzjoni tiegħu għandha tibqa' obbligatorja għall-programmi kollha ta' żvilupp rurali.

minn isfel għal fuq tiegħu. Il-LEADER għandu għaldaqstant jtkompla fil-futur u l-applikazzjoni tiegħu għandha tibqa' obbligatorja għall-programmi kollha ta' żvilupp rurali. ***Għandha tiġi mħeġġa l-esplorazzjoni ulterjuri tas-sinerġiji permezz tal-kooperazzjoni mal-atturi tal-iżvilupp lokali fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, b'rispett sħiħ għar-rikonoxximent tal-għarfien tradizzjonali kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, bil-għan li jiġu promossi prattiki agrikoli sostenibbli, kompatibbli mal-ħarsien u t-titjib tal-ambjent, il-ħamrija u d-diversità ġenetika.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għarfien tradizzjonali u lokali u l-innovazzjoni bbażata fuq il-komunità jikkostitwixxu qasam estensiv ta' għarfien Prattiku akkumulat u kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-għarfien meħtieġ jekk l-għanijiet ta' sostenibilità u żvilupp iridu jintlaħqu. L-esplorazzjoni tas-sinerġiji permezz tal-kooperazzjoni mal-atturi tal-iżvilupp lokali għandha kif xieraq tkun konformi mal-prinċipji stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar il-Biodiversità u d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni fir-rigward tal-ħarsien tal-għarfien tradizzjonali u l-prassi tal-komunitajiet indiġeni u lokali.

Emenda 13

Franziska Keller, Catherine Grèze
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni

(52) L-implimentazzjoni ta' proġetti innovattivi fil-kuntest tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola għandha sseħħ minn gruppi operazzjonali li jgħaqqdu flimkien bdiewa, riċerkaturi, konsulenti, negozji u atturi oħra kkonċernati permezz tal-innovazzjoni fis-

Emenda

(52) L-implimentazzjoni ta' proġetti innovattivi fil-kuntest tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola għandha ***tiżgura interdixxiplina effikaċi*** u sseħħ minn gruppi operazzjonali li jgħaqqdu flimkien bdiewa, riċerkaturi, konsulenti, negozji u atturi oħra

settur agrikolu. Sabiex jiġi żgurat li r-riżultat ta' dawn il-proġetti jkunu ta' profitt għas-settur kollu iġenerali, ir-riżultati tagħhom għandhom jiġu mxerrda.

kkonċernati permezz tal-innovazzjoni fis-settur agrikolu, ***bil-għan li jiġu promossi sistemi agrikoli sostenibbli u avvanzati, biex b'hekk jitnaqqas l-impatt ambjentali negattiv tal-attività agrikola, filwaqt li tiżdied id-diversifikazzjoni tal-impriżi agrikoli fuq skala żgħira. Il-kooperazzjoni man-netwerks tal-innovazzjoni f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, li għandhom għanijiet simili, għandha titħeġġeġ, b'rispett sħiħ għall-prinċipji relatati mal-ħarsien tal-għarfien tradizzjonali kif stipulat fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika.*** Sabiex jiġi żgurat li r-riżultat ta' dawn il-proġetti jkunu ta' profitt għas-settur kollu iġenerali, ir-riżultati tagħhom għandhom jiġu mxerrda.

Or. en

Emenda 14 **Birgit Schnieber-Jastram**

Proposta għal regolament **Premessa 52**

Test propost mill-Kummissjoni

(52) L-implimentazzjoni ta' proġetti innovattivi fil-kuntest tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola għandha sseħħ minn gruppi operazzjonali li jgħaqqdu flimkien bdiewa, riċerkaturi, konsulenti, negozji u atturi oħra kkonċernati permezz tal-innovazzjoni fis-settur agrikolu. Sabiex jiġi żgurat li r-riżultat ta' dawn il-proġetti jkunu ta' profitt għas-settur kollu iġenerali, ir-riżultati tagħhom għandhom jiġu mxerrda.

Emenda

(52) L-implimentazzjoni ta' proġetti innovattivi fil-kuntest tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola għandha sseħħ minn gruppi operazzjonali li jgħaqqdu flimkien bdiewa, riċerkaturi, konsulenti, negozji u atturi oħra kkonċernati permezz tal-innovazzjoni fis-settur agrikolu. Sabiex jiġi żgurat li r-riżultat ta' dawn il-proġetti jkunu ta' profitt għas-settur kollu iġenerali, ir-riżultati tagħhom għandhom jiġu mxerrda. ***Il-kooperazzjoni man-netwerks tal-innovazzjoni f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, li għandhom għanijiet simili, għandha titħeġġeġ, b'mod partikolari dawk li jappoġġaw riċerka parteċipattiva***

*deċentralizzata u t-tixrid tal-għarfien
dwar l-aħjar prattiki agrikoli sostenibbli,
inklużi skemi mfassla speċifikament
għan-nisa.*

Or. en

Emenda 15

Franziska Keller

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dawn il-prijoritajiet kollha għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġġettivi trasversali tat-trawwim tal-innovazzjoni u tal-kontribut lejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

Emenda

Dawn il-prijoritajiet kollha għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġġettivi trasversali tat-trawwim tal-innovazzjoni, *l-ambjent* u tal-kontribut lejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih ***skont il-konklużjonijiet tal-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Għarfien, Xjenzi u Teknoloġiji Agrikoli għall-Iżvilupp (IAASTD) u, fejn xieraq, jirriflettu l-oġġettivi tal-UE għall-iżvilupp biex b'hekk l-atturi rurali jitħeġġu jippjanaw u jwettqu strateġiji tal-iżvilupp lokali, jippromwovu s-sjieda tal-komunità, il-kapaċità tal-bini tal-komunità u l-innovazzjoni.***

Or. en

Emenda 16

Franziska Keller

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1 a. Ir-riforma għandha tiżgura li,

b'konformità mal-Artikolu 208 TFUE, l-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, inklużi dawk approvati fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, jitqiesu mill-PAK. Miżuri meħuda skont dan ir-Regolament m'għandhom la jdgħajfu d-dritt tal-persuni u tal-istati sovrani li jiddeterminaw b'mod demokratiku l-politiki tagħhom dwar l-agrikoltura u l-ikel u lanqas jipperikolaw il-kapaċità tal-produzzjoni tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel fuq perjodu twil ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari dawk l-anqas żviluppati. Tali miżuri barra minn hekk għandhom jikkontribwixxu ulterjorment lejn il-kisba tal-impenji tal-Unjoni sabiex jittaffa t-tibdil tal-klima. Fil-promozzjoni ta' agrikoltura sostenibbli, l-UE għandha tibni fuq il-konklużjonijiet tal-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Għarfien, Xjenzi u Teknoloġiji Agrikoli għall-Iżvilupp (IAASTD).

Or. en

Emenda 17
Franziska Keller
fisem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2 a. Il-programmi ta' żvilupp rurali għandhom ikunu obbligati joffru miżuri sabiex jappoġġaw ir-rotazzjoni tal-uċuh tar-raba', l-inklużjoni ta' għelejjel ta' proteini fir-rotazzjoni u t-titjib ta' kultivazzjonijiet perenni.

Or. en

Emenda 18
Birgit Schnieber-Jastram

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c a) innovazzjoni u kooperazzjoni permezz ta' ġemellaġġ bejn netwerks fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 19
Franziska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. Kooperazzjoni fost atturi lokali freġjuni *differentin* jew Stati Membri **għandha wkoll tkun** eliġibbli għall-appoġġ.

7. Kooperazzjoni fost atturi lokali freġjuni *differenti* jew Stati Membri, **kif ukoll kooperazzjoni ma' atturi lokali u gvern deċentralizzat minn pajjiżi li qed jiżviluppaw b'attenzjoni għal produtturi fuq skala żgħira għandhom ukoll ikunu** eliġibbli għall-appoġġ.

Or. en

Emenda 20
Franziska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) proġetti ta' kooperazzjoni interterritorjali jew transnazzjonali;

(a) proġetti ta' kooperazzjoni interterritorjali jew transnazzjonali, **inklużi**

proġetti ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw li jagħtu prijorità għal sħubijiet ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità;

Or. en

Emenda 21
Birgit Schnieber-Jastram

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b a) sħubija ta' ġemellaġġ transnazzjonali bejn żoni Natura 2000 u żoni ta' ġestjoni ekoloġika u agrikola simili f'pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 22
Franziska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d a) il-faċilità tal-iskambju tar-riċerka, l-għarfien u t-teknoloġija rilevanti għall-produttività agrikola u s-sostenibilità bejn l-Unjoni u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bil-għan speċifiku li jiġu promossi sistemi agrikoli sostenibbli u avvanzati, biex b'hekk tingħata attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet ta' bdiewa żgħar;

Or. en

Emenda 23
Franziska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(c a) kooperazzjoni man-netwerks u l-
istituzzjonijiet rilevanti f'pajjiżi li qed
jiżviluppaw, bil-għan speċifiku tal-
iskambju ta' prattiki agronomiċi u
agroambjentali tajba.*

Or. en